Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

GO

GO p.l.c., Fra Diegu Street Marsa, MRS 1501, Malta
t 8007 2121 f +356 2594 5895
e customercare@go.com.mt www.go.com.mt
Company Registration Number: C 22334

# Applikazzjoni
## Telecareplus

### 1. Dettalji dwar l-applikant

Isem: ______________________________

Kunjom: ______________________________

Data tat-twelid: _____ /_____ /_____
ġurnata / xahar / sena

Nazzjonalita': ______________________________

Nru tal-Karta tal-Identita': ______________________________
(ehmeż fotokopja tal-Karta tal-Identita' mal-formola)

Nru tal-Passaport: ______________________________
(ehmeż fotokopja tal-Passaport mal-formola)

Indirizz: ______________________________
(fejn ser jitwaħħal is-servizz u tintbagħat kull korrispondenza inkluż il-kont)

______________________________

Kodici Postali: ______________________________

Għandek linja residenzjali eżistenti mal-GO (jekk il-linja tiegħek hija 'Easyline' rappreżentant tal-GO jikkuntattjak biex din tinqaleb għal waħda bil-kera).
(Jekk le, rappreżentant tal-GO ser jikkuntattjak sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji).

O Iva O Le

Numru tat-telefon: ______________________________

Numru tal-Mowbajl: ______________________________

Indirizz elettroniku: ______________________________

### 2. Servizz Mitlub – Agħżel Waħda

O **Servizz Ġdid tat-Telecareplus (fuq linja tal-GO eżistenti bil-kuntratt)**

O **Tibdil minn Telecare għal Telecareplus**

O **Trasferiment permanenti tas-servizz (imla' hawn taħt)**

Indirizz preżenti: ______________________________

______________________________

Indirizz il-ġdid: ______________________________

______________________________

Numru tat-telefon: ______________________________
(jekk ser jinbidel)

### 3. Stat tal-Applikant

Fid-dar tiegħek inti:

O Xebba jew ġuvni, armel jew armla u tgħix waħdek (SA)

O Xebba jew ġuvni, armel jew armla u tgħix flimkien ma' persuna jew persuni oħrajn (SO)

O Tgħix ma' martek jew żewġek flimien ma' wliedek jew persuni oħrajn (CO)

O Tgħix ma' martek / żewġek (CA)

**Karta Roża**

Għandek il-Karta Roża valida?

O Iva O Le

Jekk ir-risposta hija IVA, biex tikkwalifika għas-sussidju fuq is-servizz tat-Telecareplus, inti jrid ikollok 'il fuq minn 60 sena, tgħix waħdek jew ma' persuna/i 'l fuq minn 60 sena.

**Jekk għandek il-Karta Roża valida, agħmel fotokopja u ibgħathielna.**

**Kartuna Safra**

Inti Dijabetiku/a?

O Iva O Le

Għandek il-Kartuna Safra valida?

O Iva O Le

Biex tikkwalifika għas-sussidju fuq is-servizz tat-Telecareplus, inti trid tkun dijabetiku/a 'il fuq minn 60 sena, tgħix waħdek jew ma' persuna/i 'l fuq minn 60 sena.

**Jekk għandek il-Kartuna Safra valida, agħmel fotokopja u ibgħatielna.**

### 4. Kuntatti - Dettalji tal-persuna/i li nistgħu nikkuntattjaw f'każ ta' emerġenza.

**4.1 Persuna 1**

Isem: ______________ Kunjom: ______________

Nru tal-Karta tal-Identita': ______________________________

X'jiġi mill-applikant: ______________________________

Numru tat-telefon: ______________________________

Numru tal-Mowbajl: ______________________________

ESY- NOV 12-1.06

Għandu ċavetta tal-bieb? O Iva O Le

**Persuna 2**

Isem: ____________________ Kunjom: __________________

Nru tal-Karta tal-Identita': ______________________________

X'jiġi mill-applikant: ______________________________

Numru tat-telefon: ______________________________

Numru tal-Mowbajl: ______________________________

Għandu ċavetta tal-bieb? O Iva O Le

**Persuna 3**

Isem: ____________________ Kunjom: __________________

Nru tal-Karta tal-Identita': ______________________________

X'jiġi mill-applikant: ______________________________

Numru tat-telefon: ______________________________

Numru tal-Mowbajl: ______________________________

Għandu cavetta tal-bieb? O Iva O Le

**Persuna 4**

Isem: ____________________ Kunjom: __________________

Nru tal-Karta tal-Identita': ______________________________

X'jiġi mill-applikant: ______________________________

Numru tat-telefon: ______________________________

Numru tal-Mowbajl: ______________________________

Għandu ċavetta tal-bieb? O Iva O Le

**4.2 Persuni oħra residenti fl-istess dar**
(Ehmeż fotokopja tal-Karta tal-Identita' mal-formola)

**Persuna 1**

Din il-persuna se tkun fuq is-sistema tat-Telecareplus.
O Iva O Le

Isem: ____________________ Kunjom: __________________

Data tat-twelid: ______ /______ /______
ġurnata / xahar / sena

Nru tal-Karta tal-Identita': ______________________________

Nru tal-Passaport: ______________________________

**Persuna 2**

Din il-persuna se tkun fuq is-sistema tat-Telecareplus.
O Iva O Le

Isem: ____________________ Kunjom: __________________

Data tat-twelid: ______ /______ /______
ġurnata / xahar / sena

Nru tal-Karta tal-Identita': ______________________________

Nru tal-Passaport: ______________________________

## 5. Ċertifikat Mediku

**Meħtieġ biss minn dawn il-Kategoriji ta' applikanti:**

O Persuna/i b'diżabilitá jew bi bżonnijiet speċjali
(Ehmeż kopja valida tal-'Special ID' maħruġa mill-Kummissjoni tal-Persuni b'Diżabilitá)

O Persuna/i li għandha / għandhom inqas minn 60 sena li jbatu minn mard kroniku u tgħix/jgħix/jgħixu waħidha/waħdu/waħidhom.

**Iċ-Ċertifikat Mediku għandu jintbagħat flimkien mal-applikazzjoni.**

## 6. Awtorizzazzjoni ta' sgass f'każ ta' emerġenza

Jiena______________________________
hawn taħt iffirmat/a qiegħed/da nagħti l-permess tiegħi li impjegati fit-Taqsima tat-Telecare, ikunu jistgħu, f'kaz ta' emerġenza jew neċessitaÄ, jieħdu dawk il-passi kollha meħtieġa sabiex il-Pulizija Eżekuttiva jkollha aċċess għad-dar residenzjali tiegħi/tagħna

______________________________
u dan, anke , jekk ikun meħtieġ, permezz ta' sgass.
Bil-preżenti, jien/aħna qiegħed/da/qegħdin espressemant neżimi lil GO p.l.c., awtoritajiet, inkluż il-Pulizija Eżekuttiva, u/jew terzi li jistgħu jkunu involuti fl-imsemmi aċċess għar-residenza tiegħi/tagħna okkorrendo anki permezz ta' sgass minn kull responsabbilità u/jew danni u neżenta lill-istess minn kull obligazzjoni għal xi ħlas.

Firma: ______________________________

Nru tal-Karta ta' l-Identita': ______________________________

Data: ______________________________

## 7. Dikjarazzjoni ta' Kunsens

Jiena qed nagħti l-kunsens tiegħi lid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-KomunitaÄ sabiex ikun jista' jipproċessa u jżomm taħt il-ħarsien tiegħu l-informazzjoni personali u sensittiva li jiena obbligat/a nagħti bil-mili ta' din l-applikazzjoni. Sa minn issa qiegħed/da/qegħdin nawtorizza/w lid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-KomunitaÄ sabiex jgħaddi kull informazzjoni meħtieġa lill-GO p.l.c. in konnessjoni mal-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni u l-provista tas-servizz.

Jiena nifhem li:

- Jekk ma nagħtix din l-informazzjoni l-applikazzjoni tiegħi ma tistax tiġi pproċessata;

- Biex tkun tista' tiġi pproċessata din l-applikazzjoni, impjegat/a/i awtorizzati jista' jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni personali u sensittiva;
- Ċerti dettalji li bl-ebda mod ma jikxfu l-identità tiegħi jistgħu jiġu pproċessati għal skopijiet ta' statistika.

Jiena naf li għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, jekk nagħmel talba bil-miktub, jiena għandi d-dritt li nkun naf x'informazzjoni qed iżomm dwari d-Dipartiment.
Jiena konxju/a li għall-fini tal-istess Att, il-kontrollur tad-Data Personali huwa:

Anzjanita' Attiva u Kura fil – Komunita
FXB Building,
Mdina Road,
Qormi QRM 9014

Jiena espliċitament naċċetta t-termini u kundizzjonijiet tal-Kumpanija GO p.l.c fir-rigward tas-servizz tat-telefonija fissa u niddikjara li qrajt u fhimt dawn it-termini u kundizzjonijiet. Jiena nagħti wkoll (il-permess) lill-GO p.l.c sabiex tipproċessa d-dettalji personali tiegħi neċessarji biex il-kumpanija tipprovdili s-servizz li qed napplika għalih. Niddikjara li naf li sabiex tipprovdi s-servizz, GO p.l.c. tista' tagħmel użu minn servizz ta' terzi u li għal dan il-għan sa minn issa nawtorizza lill-GO p.l.c. sabiex tgħaddi dawk id-dettalji personali tiegħi/tagħna skont kif meħtieġ.

Jekk qiegħed napplika f'isem persuna oħra li ser tkun qed tibbenefika minn dan is-servizz. Niddikjara li ġibt il-kunsens ta' din il-persuna fir-rigward tat-Termini u Kundizzjonijiet ta' GO p.l.c u li dawn inqraw u ġew mifhuma. Niddikjara li naf li ġibt il-kunsens tal-persuna biex il-GO p.l.c tipproċessa d-dettalji personali relatati sabiex il-kumpanija tipprovdi s-servizz mitlub kif meħtieġ. Niddikjara li qed napplika għas-Servizz ta' Telecareplus kif indikat f'din il-formola ta' applikazzjoni u naċċetta li dan huwa suġġett għat-termini u kundizzjonijiet tas-servizz tat-Telecareplus, flimkien ma' dawk tas-servizz ta' linja fissa (li jistgħu jinkisbu mill-ħwienet tal-GO p.l.c kif ukoll mill-websajt www.go.com.mt).

Jiena nikkonferma li permezz ta' din id-dikjarazzjoni qed napplika għas-servizz tat-Telecareplus għall-prezz ta' erba' ewro (€4) (VAT Inkluż) fix-xahar, (sakemm m'għandix Karta Roża valida u li f'dik eventwalitaÄ l-prezz ikun ta' zero ewro (€0) fix-xahar).

O Nikkonferma li din id-dikjarazzjoni qrajtha jiena stess u fhimt kollox

O Din id-Dikjarazzjoni ġiet moqrija lili u jiena fhimt kollox

**Firma (applikant):** ______________________________

Isem u Kunjom: ______________________________

Data: ______________________________

Firma (rappreżentant): ______________________________

Isem u Kunjom: ______________________________

Data: ______________________________

**Għall-użu tal-Uffiċċju Biss**

**Ċentru Telecare:**

| Isem tal-operatur | Data | X'Sar |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**GO p.l.c:**

| Isem tal-uffiċjal | Data | Nru ta' riferenza |
|---|---|---|
| | | |
| | | |

L-applikazzjoni tiegħek għandha tintbagħat bil-posta f'dan l-indirizz;

**TELECARE CENTRE**
**FXB BUILDING**
**MDINA ROAD**
**QORMI QRM 9014**

JEKK GĦANDEK XI DIFFIKULTÀ U/JEW GĦAL AKTAR TAGĦRIF ĊEMPEL FUQ IN-NUMRU **21483600** WAQT IL-ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU.

## 8. Telecareplus - Termini u kundizzjonijiet (GO PLC)

1. Dan il-kuntratt huwa bejn il-kumpanija GO plc (C22334), li hija l-operatur tal-brand 'GO', u li hija awtorizzata li tirrapprezenta s-sussidjarji u l-kumpaniji membri fil-Grupp GO (li f'dan id-dokument huma indikati bħala 'Aħna'/'Tagħna'/'Magħna'/'Bejnietna'). Dan il-kuntratt huwa suġġett għal dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, kif ukoll it-Termini u il-Kundizzjonijiet applikabbli li jirregolaw is-servizz tat-telefon fuq linja fissa residenzjali bil-kera li fuqha qed jigi provdut is-Servizz. F'kaz ta' differenzi jew nuqqas ta' qbil bejn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet u it-Termini u Kundizzjonijiet li jirregolaw il-linja fissa residenzjali bil-kera li permezz tagħhom huwa provdut dan is-Servizz, dawn it-Termini u Kundizzjonijiet japplikaw.

2. Meta tiffirma dan il-kuntratt, inti qed taqbel li:
   a. Aħna nistgħu nipprovdu u ninstallaw is-Servizz permezz ta' terzi persuni awtorizzati;
   b. Id-'data' personali tiegħek (li tinkludi kull 'data' iġġenerata minn telefonati) relatata mal-użu tas-Servizz, tista' tinżamm mill-GO u tiġi wżata skont il-liġi tal-protezzjoni tad-'data' u li l-GO tista tgħaddi din id-'data':

   i) lill-kumpaniji li jifformaw parti mill-grupp GO;

   ii) lill-kuntratturi u l-aġenti tagħna

   iii) bejnietna u terzi persuni li jinkludu operaturi awtorizzati tat-telekomunikazzjoni oħra, 'content providers', operaturi tal-'market research' u aġenziji ta' kreditu. Inti tagħraf li dan kollu aħna nagħmluh biex nipprovdu Servizz aħjar, partikolarment dak tal-komunikazzjonijiet elettroniċi offrut minna, u biex ukoll nipprevjenu frodi, dejn u 'credit referencing', u biex nipprotegu l-interessi legittimi tagħna u ta' operaturi oħra tal-komunikazzjoni elettronika u ta' terzi.Aħna nintrabtu li nipproteġu d-drittijiet tiegħek bħala s-suġġett tad-'data' f'kull ħin:

   iv) jekk niġu mitluba li nagħmlu dan skont il-liġi jew f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm mill-fehma, in bwona fede li tali preservazzjoni jew rivelazzjoni tad-'data' hija raġonevolment meħtieġa sabiex nottempraw irwieħna mal-proċess legali, sabiex ninfurzaw it-Termini ta' dan il-kuntratt, inwieġbu domandi li l-użu tas-Servizz jikser id-drittijiet ta' terzi, jew xortoħra sabiex nipproteġu drittijiet proprjeta' jew sigurta' personali Tagħna, tad-Diretturi Tagħna, l-impjegati Tagħna, klijenti u l-pubbliku ġenerali.

3. L-apparat (hawhekk referut bħala 'l-Apparat') li jiġi pprovdut biex jitħaddem is-Servizz (li jikkonsisti f''Telecare hub' u Pendent wieħed) ikun installat mill-GO jew terzi awtorizzati u jibqa' l-proprjeta' tagħna jew il-propjeta' tat-terzi awtorizzati skont l-arranġamenti ta' bejna u l-istess terzi awtorizzati. Int qed tagħti garanzija li ma tippruvax tbagħbas jew xortoħra tikkaġuna jew tippermetti li ssir ħsara lill-Apparat. F'kaz li l-Apparat għal kwalsijasi raġuni jinkiser jewxortoħra jkun bil-ħsara, huwa fl-obbligu tiegħek li tinfurmana. Inti tagħraf li jekk tonqos milli tinfurmana b'din il-ħsara fl-Apparat, dan jista' jwassal sabiex Aħna ma nkunux nistgħu nipprovdulek is-Servizz għalhekk inti qiegħed teżenta Lilna u lit-terzi minna awtorizzati minn kull responsabbiltà f'kull tali ċirkostanza li tista' tinqala' kawża tal-Apparat imbagħbas jew xortoħra bil-ħsara. Int taqbel ukoll li tħallas għat-tiswijiet neessarji biex jiġi rranġat l-apparat.

4. L-Apparat jiġi mogħti lilek għall-użu esklussiv tiegħek ghas-Servizz. Meta titlob biex twaqqaf is-Servizz, għal kwalunkwe' raġuni, int għandek tirritorna l-Apparat lilna f'kundizzjoni tajba. Meta jiġi nstallat is-Servizz, inti taċċetta u tintrabat li tħallas Lilna jew lil rappreżentanti awtorizzati tagħna depożitu ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25) li jitħallas lura lilek meta l-Apparat jiġi rritornat lura lilna f'kundizzjoni tajba. F'każ li l-Apparat ma jiġix irritornat lilna jew jiġi rritornat miksur jew f'kundizzjoni mhux aċċettabbli, int teħel Penali ta' mitejn ewro (€200).

5. Aħna nistgħu noħorġu offerti jew servizzi addizzjonali mas-Servizz. Aħna naqblu li int m'intix obbligat/a li tixtri jew tintrabat li tixtri dawn l-offerti jew servizzi addizzjonali, imma fil-każ li tiddeciedi li tixtri minn dawn, int tintrabat li timxi skont it-termini u kundizzjonijiet applikabbli, li jinkludu ħlasijiet tal-istess offerti u/jew servizzi addizzjonali.

6. Hija responsabilita' tiegħek li tapplika mad-Dipartiment tal-Gvern (Ċentru Telecare) f'każ li int tibdel l-indirizz permanenti tiegħek. F'każ li tibdel l-indirizz tiegħek għal perjodu temporanju (eż. villeġġjatura), int awtorizzat/a li tieħu miegħek l-Apparat fir-residenza temporanja suġġett li f'din ir-residenza temporanja jkun hemm linja ta' telefonija fissa. Int tintrabat u tobbliga ruħek li tinforma liċ-Ċentru Telecare b'dan it-tibdil. Salv għal dan it-trasferiment lejn residenza temporanja, Int m'intix awtorizzat/a li titrasferixxi l-Apparat minn fejn ikun installat.

7. Fejn hu applikabli, għandha tiġi ppreżentata il-Kartuna r-Roża maħruġa mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

8. Fejn hu applikabli, għandha tiġi ppreżentata wkoll il-Karta tal-Identitá tal- Persuni b'Diżabbilitá (maħruġa mid-Dipartiment għall-Persuni b'Diżabbilitá).

9. A skans ta' kull ekwivoku, fl-eventwalita li dan il-Kuntratt jiġi tterminat għal kwalsijasi raġuni, dan ma jfissirx li ser jitwaqqaf is-servizz ta' telefonija fissa li fuqu jiġi mwassal is-Servizz. Jekk int tixtieq li twaqqaf is-servizz tat-telefonija fissa li biħ qed jiġi pprovdut dan is-Servizz,int mitlub/a li tinforma lill-GO skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-servizz.

10. Dan il-kuntratt iħassar kull kuntratt/i li sar/u qabel bejnek u bejna li għandhom x'jaqsmu ma' dan is-Servizz.

11. Aħna nirriservaw id-dritt li nwaqqfu dan il-Kuntratt f'każ ta' abbuż jew użu ħażin tas-Servizz, jew jekk tonqos li tħallas il-kont b'mod regolari.

12. Aħna nirriservaw id-dritt li nistgħu nibdlu dawn it-termini u kundizzjonijiet f'kull zmien, b'dan illi f'kull tali ċirkostanza Aħna ser ninfurmawk bil-miktub u nagħtuk tletin (30) ġurnata żmien ta' notifika. Jekk int ma tixtieqx li taċċetta t-tibdiliet proposti, int mitlub/a li fi żmien t-tletin (30) ġurnata minn notifka tinfurmana bil-miktub li mintix taċċetta dawn it-tibdiliet. A skans ta' kull ekwivoku, f'dan il-każ, ikun ifisser li int twaqqaf u tittermina dan il-Kuntratt. Jekk tonqos li tinfurmana li mintix taċċetta dawn it-tibdiliet fi żmien lilek mogħti jkun iffisser li Int qed irrevokabilment taċċetta dawn l-emendi ghall-perjodu tal-Kuntratt.

13. Dan il-Kuntratt qed isir skont il-Liġi tar-Repubblika ta' Malta mingħajr ma jingħata ebda effett lill-prinċipji ta' kunflitt ta' liġijiet, u l-Partijiet qegħdin jissottomettu rwieħhom għal ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati Maltin.

14. Dan il-Kuntratt ġie miktub bil-lingwa Ingliża u t-test Ingliż għandu jitqies bħala dak awtorittattiv. Jekk dan il-Kuntratt jiġi tradott f'xi lingwa oħra, kull ambigwitá jew konflitt li tista' tinqala' għandha tiġi solvuta billi ssir riferenza għall-verżjoni Ingliża.

15. Kull ilment, diżgwid u/jew mistoqsijiet dwar is-Servizz għandu jiġu rriferuti lill-GO bil-miktub. Il-GO tintrabat li tibgħat notifika u/jew tipprovdi tweġiba inizjali sa mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) ġurnata ta' xogħol minn meta nirċievu l-ilment, diżgwid u/jew mistoqsija tiegħek. Il-GO tipprova teżamina l-ilmenti, diżgwid u/jew mistoqsija mingħajr dewmien, iżda, Inti tagħraf li xi mhux il-kwistjonijiet kollha, partikularment dawk ta' natura teknika, jistgħu jiġu risolti fi żmien qasir. Jekk int ma tkunx sodisfatt minn kif il-GO titratta l-ilment, diżgwid u/jew mistoqsija tiegħek, tista' tirreferi l-ilment, diżgwid u/jew mistoqsija tiegħek lil Awtorita ta' Malta għall-Kommunikazzjonijiet, Valletta Waterfront, Floriana. Id-drittijiet legali tiegħek jibqgħu mhux affetwati.

16. Mingħajr preġudizzju għal dak li hawn f'dan il-Kuntratt li jeskludi jew jillimita responsabilita' Tagħna, Aħna m'aħniex responsabbli għal telf jew ħsara li int tista' ssofri b'riżultat ta' ċirkostanza ta' Forza Maġġuri, li fost l-oħrajn tinkludi nuqqas min-naħa tagħna li nipprovdu s-Servizz minħabba ħsarat teknici, twaqqif ta' liċenzji, 'act of God', maltemp, għargħar, nixfa, sajjetti, jew nirien, terrimoti u/jew eruzjonijiet volkaniċi, nuqqas jew qtugħ fil-provista tal-elettriku, strikes, lockouts, azzjonijiet u/jew tilwim industrijali ta' kull tip, restrizzjonijiet, projbizzjonijiet, kontrolli mill-Gvern jew azzjonijiet oħra mill-Gvern lokali jew nazzjonli, azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjoni minn awtoritajiet jew aġenziji pubblici, regolatorji jew operaturi oħra tat-telekommunikazzjoni, gwerrer, operazzjonijiet militari, irvellijiet, diffikultajiet, dewmien jew interruzzjonijiet fil-produzzjoni jew forniment ta' apparat biex nipprovdu s-Servizz, azzjoni jew nuqqas minn fornitur/i ta' apparat, aġent/i jew kuntrattur/i jew każi oħra simili jew dissimili li m'għandniex kontroll fuqhom.

17. Aħna ser nagħmlu ħilitna biex nipprovdu servizz kontinwu u ta' kwalitá tajba, madankollu inti tagħraf li sitwazzjonijiet fosthom ta' natura teknika jistgħu itelfuna milli nagħmlu dan. F'dawn il-każi inti tintrabat u tobbliga ruhek illi tavżana malajr kemm jista' jkun. Inti tagħraf u taqbel ukoll li m'aħniex responsabbli għal kuwalsijasi telf jew ħsara, diretta jew indiretta li Inti jew terzi tista' ssofri/u kawża ta' ħsara, nuqqas jew tnaqqis fil-kwalita' tas-Servizz provdut għat-tul ta' żmien kollu neċessarju.

18. Int tagħraf u taqbel li Aħna m'aħniex responsabbli bl-ebda mod jew li niggarantixxu livell ta' Servizz pprvovdut minn terzi, inkluż - imma mhux biss - 'iċ-Ċentru Telecare' jew kull 'Call Centre' tal-Gvern ta' Malta.

19. Mingħajr preġudizzju għal ebda klawsola fil-Kuntratt, sal-massimu permess mill-liġi, ir-responsabbilta' ta' GO (jekk applikabbli) ma teċċedix l-ammont totali tar-renti ta' kull xahar illi jkunu imħallsin minnek għas-Servizz fis-sena partikolari ta' meta l-eventwalita' tkun ġrat.